MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Numru 643/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Versus**

**Marisa Tabone**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Marisa Tabone ta' 33 sena, bint Saviour u Carmen nee Galdes, imwielda tal-Pieta' nhar l-4 ta' Frar 1973 u residenti fil-fond numru 29 Bauska Triq il-Karmnu Fgura u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 101473 (M)

Akkużata

(a) Talli fit-28 ta' Ġunju 2006 għall-ħabta ta-t8.30 ta' fil-għaxija fiz-zona magħrufa bħala tat-Torri l-Abjad limit ital-Mellieħa, mingħajr il-ħsieb li toqtol lil Carmela Xuereb jew

li tqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Carmela Xuereb jew iġġibilha diżordni f'moħħha write dan il-ħsibe b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi xeħtet likwidu korrossiv lejn il-partijiet vital ital-ġisem tal-imsemmija Xuereb, lieam delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħha;

(b) Ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-Liġi iżda biss sabiex teżerċita jedd li tippretendi li għandha fixklet lil Carmela Xuereb fil-pussess ta' ħwejjiġha u cioe' meta għalqet il-passaġġ li jagħti aċċess għall-boat house numru 36 li hemm ġewwa z-zona magħrufa bħala tat-Torri l-Abjad;

(ċ) U aktar talli fl-istess post, data, u ħin kisret il-bon ordni u paċi pubblika b'għajjat u storbju kif ukol dagħa u kliem faħxi.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsensi tal-Avukat Ġenerali u tal-imputata sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji kif ukoll l-istqarrija tal-imputata a fol.21, il-current incident report u d-dikjarazzjoni magħmula mill-allegata vittma a fol.59 li kienet qed taħfer lill-imputata.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur.

Ikkunsidrat.

5. Il-fatti skond il-Prosekutur huma dawn. Fit-28 ta' Ġunju 2006, fin-naħiet magħrufin tat-Toori l-Abjad, Carmela Xuereb kienet sofriet xi offiża fuq wiċċha minħabba t-tfigħ ta' sustanza korrussiva.

6. L-ispettur bagħat għall-imputata li rrilaxxjat stqarrija fejn qalet li hi kienet waslet ħdejn il-Boathouse u kienu waslu wkoll xi nies oħra. Hija bdiet tħott waqt li min kien wasal

bil-karozza warajhom beda jdoqq il-horn. Il-mara tas-sewwieq baqgħet tghajjat u toffendi lil kulħadd u marret għall-imputata darba, darbtejn. Hija qabdet briska biex twaddabha lil omm l-imputata. Malli l-imputata rat dan, tildfet rasha u garatilha l-flixkun li kellha f'idejha. (Fol 22). Kulħadd kien maħruq bil-likwidu tal-flixkun x'ħin infetaħ. ( Dan il-flixkun kien fih likwidu biex tnaddaf it-toilet). L-imputata qalet ukoll li l-vann kien ipparkjat quddiem il-parapett tagħha.

7. Meta kienet mistoqsija jekk ommha kenitx waddbet xi bott, l-imputata wieġbet li ma kentix taf x'għamlet ommha. (fol.22).

8. L-imputata qalet li kienet użat kliem oxxen hija u tirrispondi lill-oħra. (Fol 22).

9. Xehdet Carmen Xuereb li qalet li kienet marret l-għassa tirrapporta għaliex l-imputata kienet waddbitilha l-aċtu f'wiċċha fit-28 ta' Ġunju 2006 għall-ħabta tat-8.00 jew it-8.30 pm ta' filgħaxija.

10. Meta waslu fil-post fejn kellhomm il-boathouse, mara qaltilhom jistennew sakemm iħottu. U l-istess qalulhom żewġt irġiel oħra. Ix-xhud marret fil-kamra tagħha bil-mix waqt li semgħet lin-nisa jargumentaw mar-raġel tagħha. Ix-xhud qaltilhom li ma kellhomx dritt jagħlqu t-triq. Xi mara waddbitilha bott u r-raġel tax-xhud qal lil din il-mara biex ma twaddab xejn. Ix-xhud qabdet ġebla u qaltilha li hi wkoll kienet tista' twaddab ġebla jekk trid. (Fol 27). Hija ma waddbet xejn u għamlitha mal-art. Imbagħad l-imputata waddbitilha xi ħaġa u bdiet tħoss ħurq enormi u daħna ħierġa minn ġisimha kollu speċjalment min-naħa tax-xellug. Ħasset ukoll ħruq f'għajnejha. It-top tagħha nħaraq u laqtitha fuq idejha x-xellugija. L-irġiel bdew jgħajtu biex jixħtulha l-ilma. Wara daħtle fix-shower. Imbagħad marru fl-Emerġenza tal-Isptar San Luqa.

11. Xehed ukoll ir-raġel tal-vittma li qal li dak in-nhar it-temperatura kienet 38 u mara qaltilhom jistennew sakemm iħottu. Huwa ra l-omm l-imputata twaddab bott

lill-mara tiegħu. F'daqqa waħda l-imputata waddbet dak li wara saru jafu li kien aċtu. Lill-mara tiegħu mlietah minn rasha sa isfel. Laqtitha fuq xagħarha, għajnejha u baqa' nieżel sa sidirha. Kien beda ħiereġ id-duħħan minn ġo ġisem il-mara. Imbagħad marru l-Isptar San Luqa.

12. Fit-12 t'Ottubru 2007 reġgħet xehdet Carmela Xuereb li reġgħet indikat fejn kienet sofriet l-ofifża. Hija qalet li ma kellhiex problemi aktar. (fol.61).

**Xhieda difiża**

13. Xehdet l-imputata u qalet li kienet waslet mara li kellha karma li kienet għadha tixtriha. L-imputata pparkjat quddiem il-kamra tagħha u bdiet tħott l-affarijiet. Waslu nies oħra li bdew idoqqu l-horn u qalulhom biex iżulu min-nofs. Il-mara bdiet tkellimha b'mod arroganti u marru xi ġirien jgħinuha tħott. Il-mara qabdet briksa minn tal-bankini u kienet ser tgaraha. L-imputata kellha flixkun f'idejha għax kienet għadha qed tħott u d-dtergents ma jagħmluhomx mal-affarijiet l-oħra. L-imputata qabdet il-flixkun u garatu. Dan ħabat mat-tinda tal-ħadid u nfaqa' u ħareġ il-likwidu minnu. Dan ġie kemm fuq l-allegata vittma kif ukoll fuq ix-xhud. Hija ċaħdet li tkellmet pastaż. Qalet biss li lletikat. L-imputata qalet li kienu ħafru lil xulxin.

14. Xehdet ukoll omm l-imputata li qalet li kienet garat bott lejn l-allegata vittma. Imbagħad l-allegata vittma qabdet żewġ briksiet u kienet ser twaddabhom.

**L-ewwel Imputazzjoni.**

15. L-imputata hija akkużata b'tentattiv li tikkaġuna ħsara fil-ġiaem jew fis-saħħa ta' Carmela Xuereb jew iġġibilha diżordni f'moħħha. (artikoli 41(1)(a) u 214 tal-Kap 9). Mill-atti jirriżulta li l-imputata kienet taf li l-flixkun li kellha f'idejha kien fih likwidu biex tnaddaf it-toilet (ara l-istqarrija a fol.22). U ġaladarba wieħed fl-istqarija stess juri li kien jaf x'inhu l-amterjal, m'hemmx bżonn ta' xhied forensika

dwar dan. L-effetti fuq l-allegata vittma kienu deskritti mill-vittma u mir-raġel tagħha għalkemm mhux korroborati b'xi ċertifikat. Biss tali ċertifikati mhux bilfors ikun meħtieġa. Infatti l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk fil-każ 'Il-Pulizija versus Generoso Sammut' fit-2 t'Awwissu 1999 (Ara: Vol LXXXIII. Ir-Raba' Parti paġina 365):

***'Hi idea żbaljata, spiss ventilata, li biix isir il-prova skond il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna, hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew ta' depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inkluż l-parti offiża, jibqa' xi dubju raġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża.'***

16. Mill-provi prodotti, il-Qorti tista' tikkonkludi li xi tip ta' offiża fuq il-persuna ta' Carmela Xuereb kien hemm żgur. Il-fatt li meta xehdet it-tieni darba l-allegata vittma ħassitha tajjeb ma jfissirx li ma kienx hemm offiża qabel. L-aktar li wieħed jasal biex jgħid hu li din l-offiża ma taqax taħt l-artikolu 218 iżda xorta jista' jkun hemm offiża taħt l-artikolu 216.

17. Li ma baqax ċar mill-provi quddiem din il-Qorti kien jekk dak li seħħ kienx jammonta ta' tentattiv għal offiża taħt l-artikolu 216.

18. Fl-assenza ta' din il-prova, l-artikolu li jidher li japplika għal din is-sitwazzjoni huwa l-artikolu 221 tal-Kap 9 li jirrikjedi l-kwerela tal-parti ai termini tas-subinċiż (4) meta jkunu japplikaw l-artikolu 221(1) u 221(3). Mhix meħtieġa din il-kwerela meta japplika s-subinċiż (2) fejn seta' ntuża 'xi corrosive fluid or substance'. (Ara l-artikolu 217 tal-Kap 9 li għalih jagħmel referenza l-artikolu 221(2).

19. Quddiemha l-Qorti m'għandhiex eżatt x'kien dan il-likwidu li kien jiswa ftit ċenteżmi. Fl-assenza ta' din il-prova, il-Qorti qede teskludi s-subinċiż (2), tqis l-offiża bħala waħda ħafifa u li tirrikjeda l-kwerela. Stante li l-allegata vittma ħafret lill-imputata, il-kwerela spiċċat.

Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputata mill-ewwel imputazzjoni.

**It-tieni imputazzjoni**

20. L-imputata kienet akkużata b'ragion fattasi għaliex għalqet il-passaġġ. Bir-rispett kollu, l-Qorti ma trirraviżax hawnhekk l-elementi tar-ragion fattasi kif rikjesti mill-artikolu 85 tal-Kap 9. Ukoll jekk l-imputata qalet lil min ġie warajhom biex jistenna sakemm tħott, ukoll jekk żiedet li dawn kienu għadhom kif ġew u allura kellhom joqogħdu għal dak li tgħid hi, b'ebda mod ma jirriżulta li l-imputata għamlet it-triq tagħha. Għalhekk il-Qorti qed tilliberaha mit-tieni imputazzjoni.

**It-tielet imputazzjoni**

21. Ex admissis, fl-istqarrija l-imputata qalet hekk:

'Iva ngħid li hi qaltli kliem oxxen u jien irrispondejtha bl-istess mod'. Barra dan m'hemmx dubju li hija waddbet flixkun li kien fih likwidu li weġġa' lil ħadd ieħor.

22. Il-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet' Il-Pulizija versus Monica Pullicino' (25 ta' Ġunju 2001 Vol. LXXXV. IV p.240):

***'Bħala regola jkun hemm il-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali meta jkun hemm għemlil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-imputat jew l-akkużat) dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għamil.'***

23. Il-każ odjern jidher li jinkwadra kemm taħt l-artikolu kif ukoll taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9.

24. Il-fatt l-imputata qalet kliem oxxen għalkemm dan innegatu minn fuq il-pedana tax-xhieda. Il-Qorti issib l-istqarrija bħala aktar attendibbli. Għalhekk il-Qorti qed issib ukoll lill-imputata ħatja ta-tieni kontravenzjoni li hemm referenza għaliha fit-tielet imputazzjoni. Għalhekk il-Qorti qed issib lil-imputata ħatja tat-tielet imputazzjoni ai termini tal-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 wkoll.

**Konklużjoni**

25. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 41(1)(a), 214, 221(1)(2)(3)(4), 85, 338(bb)u 338(dd) tal-Kap 9, qed tillibera lill-imputata mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni waqt li qed issibha ħatja tat-tielet imputazzjoni u qed tikkundannaha tħallas żewġ amendi ta' €58.23 kull waħda, jiġifieri total ta' €116.46.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------